

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' Marzu 2011

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2011/16)

(2011/C 74/01)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fit-18 ta' Frar 2011, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 <sup>(1)</sup> dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew, u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrikkmanda illi Peter Praet jinħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2011.
2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni li l-kandidat propost huwa persuna ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu ebda oġġezzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Peter Praet bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Marzu 2011.

*Il-President tal-BĊE*  
Jean-Claude TRICHET

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 56, 22.2.2011, p. 1.